MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Numru. 207/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joseph Scerri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Scerri ta’ 18-il sena, iben David u Josephine nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ nhar it-22 ta’ Novembru 1993, residenti 110, ‘Altona’, Triq il-Kampanella, il-Fgura u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544493M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-7 ta’ Ottubru 2012 u fix-xhur ta’ qabel din id-data;

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta u l-fatt li l-imputat ghandu mpjieg stabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u

b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'din il-kawza, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti hlas da parti tal-imputat tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument JF1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------